# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 / 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru erbgħa u erbgħin (44) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar il-Ħamis, 17 ta' Lulju, 2015, fis-6:45pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku, Charlene Zammit qalet it-talba u ppresediet is-seduta.

2. Is-SE qara punt punt il-minuti u dawn kienu diskussi, korretti, amendati u approvati b'mod unanimu b'dak kollu li xtaqu l-kunsillieri.

**Punti mill-Minuti**

3. Irċevejna *e-mail* mit-tfal tal-Iskola Primarja Mqabba, propju minn Ms Alison, dwar proposti li għamlu t-tfal dwar l-ambjent. Minn naħa tagħna fir-risposta li ser nibgħatulhom, se nfaħħruhom għall-interess li wrew u se nħeġġuhom sabiex ma joqgħodux iwassluhom il-ġenituri minn u lejn l-Iskola. Dan kollu se jsir fl-isfond li qed ikollna ħafna parkeġġ mhux regolat viċin l-iskola. Madankollu għal proposta tal-*bicycle lanes*, konna xi ftit xettiċi għaliex f'toroq dojoq bħal Triq il-Karmnu u Triq id-Duluri li minnhom jitwasslu l-istess tfal għall-iskola, m'hemmx fejn isiru *bicycle lanes* għaliex dawn huma dojoq ħafna u lanqas bankini ma jistgħu isiru.

4. Il-kampanja dwar il-kuxjenza ambjentali mill-ħmieġ tal-klieb, se nibdewha fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss. Charlene Zammit qalet li din qamet fuq is-sit *Facebook* u hija qalet li importanti li jkun hawn sorverljaza mill-*Green Wardens* sabiex nindirizzaw il-problema. L-aktar postijiet li fihom qed jintefa' skart u li hemm bżonn li jkun hawn il-preżenza tagħhom huwa fl-inħawi tal-ġibjun il-miftuħ u f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira. Dwar il-preżenza ta' ġrieden fit-toroq ta' wara l-ġibjun il-miftuħ, is-SE irrapporta lid-Dipartiment tas-Saħħa biex dawn jagħmlulhom il-velenu. Għal mistoqsija li dan il-valenu jista' jittieħed mill-annimali bħal qtates u l-klieb, is-SE qal li dan il-valenu jitpoġġa normalment fil-ħitan tas-sejjiegħ, b'tali mod illi jista' jkollhom aċċess għalih ġrieden żgħar.

5. Dwar l-iskema *Accessibility Plus*, is-SE se jibgħat kopja tal-applikazzjoni lill-kunsillieri ħalli jekk hemm xi punti li m'humiex indirizzati, inkunu nistgħu naqbduhom minn issa peress li din trid tiġi sottomessa sal-aħħar ta' dan ix-xahar. Il-proġett tagħna huwa ta' latrina pubblika aċċessibbli minn persuni b'diżabilita'.

6. Għas-servizz tat-trasport pubbliku, Grace Marie Mallia talbet lill-KLM sabiex nagħmlu appuntament mal-Onor Joe Mizzi, Ministru tat-Trasport, sabiex nindirizzaw il-problema ta' xarabankijiet għaddejjin minn quddiem il-bandli kif ukoll trasport li jwassal lejn San Vinċenz de Paule, kif konna mwiegħdin li jsir.

7. Dwar il-promozzjoni mitluba minn Valerie Galea biex minn *Executive Officer* titla' *Assistant Principal*, intqal illi m'hemm l-ebda' promozzjoni awtomatika li tikkwalifika għaliha Valerie Galea. Dan għaliex il-KLM m'għamel l-ebda' sejħa għal *Assistant Principal.* Filwaqt li s-SE kien mitlub mis-Sindku sabiex sal-laqgħa li jmiss isib l-aħħar kuntratt ta' Valerie Galea li kien iffirmat, kien mitlub ukoll minn Charlene Zammit sabiex iġib bil-miktub mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li m'hemm l-ebda' promozzjoni awtomatika. Hija qalet illi l-KLM għaddej *b'Executive Officer* kif inhu bħal issa.

8. Għat-talba tal-Libreriji Maltin, sabiex jiżdiedu l-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija fis-sajf, liema ħinijiet jinqabdu diġa' fl-orarju ta' Kylie Fenech għaliex il-KLM fil-fatt ilu li żiedhom diversi xhur, se ninsistu biex il-fondi jkunu vversjati fil-kont tal-KLM flok fuq Kylie Fenech għaliex fil-fatt il-KLM diġa' qed iħallas għal dawn is-sigħat b'rata ogħla minn dik ta' librara. Dwar dan fil-fatt kienet diġa' kitbet Kylie Fenech u se nibgħatu *reminder* mill-KLM. F'dan il-punt Anita Farrugia qalet illi jidher li qed tħalli ħafna frott il-kampanja *Read with Me* u għaldaqstant għandna nkellmu lill-Ms Myriam Schembri dwar din l-inizjattiva biex nippruvaw nimplimentawha fil-librerija tal-Imqabba.

9. Għal proposta li kien hemm biex flok Kylie Fenech inġibu *trainee* mill-ETC, Grace Marie Mallia staqsiet jekk dan jistax jaqdi l-funzjonijiet kollha u joqgħod waħdu fl-uffiċċju tal-*Customer Care*, fis-sular t'isfel. Charlene Zammit qalet li dawn it-trainees jitħarġu f'kull tip ta' xogħol, għax finalment għada pitgħada se jkunu qed jaħdmu.

10. Charlene Zammit talbet lis-SE sabiex jakkwista kopja tar-ritratti tad-DOI fejn kien hemm *coverage* tar-Rinnovament tal-Librerija Pubblika tal-Imqabba, peress li kien hawn fostna s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali kif ukoll Ms Michelle Muscat, mart il-Prim Ministru. Dawn ir-ritratti qed jintalbu mis-Sur Martin Attard, sabiex ikunu infilsati fil-ħarġa tal-fuljett li ġej. Aktar tard fl-Agenda intqal illi dan l-irrinovament kien jikkonsisti f'purtieri, tapit, *TV Set, Air Condition* u f'aktar xkaffar. Paul Spiteri staqsa jekk kienx hemm bilanċ fl-għażla tax-xiri tal-kotba għaliex hu qal li ra kotba bijografiji ta' persuni li ġejjin mill-kamp Laburista u xejn minn tal-kamp Nazzjonalista. Charlene Zammit qalet li l-kotba intagħżlu mil-librara u mis-Sur Steve Borg mil-Libreriji Maltin. Hija qalet ukoll li jekk ma' kienx hemm bilanċ għandna nżommuh billi nixtru kotba bijografiji ta' persunaġġi mill-kamp Nazzjonalista. Għaldaqstant se niċċekkjaw dwar dan. Anita Farrugia xtaqet tkun taf jekk inxtarax il-ktieb dwar Il-Pesta tal-1661 jew 1681 minn għand BDI. Is-SE se jsib il-listi ħalli jagħrbel it-titli ta' dawn il-kotba. Grace Marie Mallia talbet li tintbgħat nota ta' ringrazzjament lis-Sur Steve Borg tax-xogħol li ħa biex il-proġett tant irnexxa. Charlene Zammit qalet li konna mhedda b'mandat ta' inibizzjoni biex ma jsirx il-ftuħ tar-rinnovament minħabba proposta ta' donazzjoni minn *Dom Publications,* li kienet ser tiġi mwaqqfa mil-Libreriji Maltin. Dan għaliex dawn riedu jagħtu donazzjoni ta' €1,500 f'kotba liema donazzjoni kienet qed tiġi rifjutata minn Libreriji Maltin. Madankollu is-SE kiteb lill-Kap Ezekuttiv Libreriji Pubbliċi u dan qallu li ma kellu l-ebda' oġġezzjoni biex jilqa' din id-donazzjoni u oħrajn bħala, ġejjin minn għand min huma ġejjin. Dwar il-purtieri tal-librerija, Charlene Zammit qalet li *JB Stores* ħadu żball kbir fl-istima li għamlu *(understated)* u issa biex nikkumpensawhom se nikkonċedulhom żewġ *half page adverts* fil-fuljett *full colour.*

11. Minħabba l-inkwiet li nqala' fuq posta fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju, peress li issa riesqa l-festa ta' Santa Marija, il-KLM għadu inċert jekk għandux joħroġ il-permess ta' posta lis-Soċjeta' Madonna tal-Ġilju. Paul Spiteri qal li għandna nikkonsultaw mal-Pulizija, kien hemm suġġeriment li ssir laqgħa mal-każini u l-istess pulizija, filwaqt li Anita

Farrugia qalet illi mhux sew li ma nagħtux permess biex tintrama' l-posta tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju la darba kien maħruġ il-permess ta' Santa Marija. Michel Farrugia qal li hu m'għandux diffikulta' li joħroġ il-permess lis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju biex jarmaw fi Triq il-Franka il-kabbana tagħhom.

12. Grace Marie Mallia semmiet il-proposta ta' *parental skills classes* minn Sedqa u ssuġġeriet li jkun hemm avviż fil-fuljett tal-KLM. Hija qalet illi dawn il-korsijiet se jibdew f'Ottubru li ġej u jinħtieġ li jkunu jafu bihom il-ġenituri tat-tfal li jmorru l-iskola primarja tal-Imqabba permezz ta' avviż printjat mill-uffiċċju u mogħti lit-tfal u wkoll fil-fuljett tal-KLM.

13. Għal allegat *infringement* minħabba terrapien mitfuħ 'il fuq aktar mil-livell stabbilit mill-MEPA, is-SE se jagħmel *follow up* tiegħu wara li kellem personalment lill-Uffiċjal tal-Infurzar tal-MEPA fil-jiem li għaddew. Dan it-terrapien qed ikun mitfuh f'barrieri viċin Triq Valletta. Is-Sindku ppreċiżat li kienet għamlet rapport formali lill-MEPA dwar dan il-każ fuq in-numru tagħhom 99269926.

14. Għal kuntratt li se joħroġ permezz ta' offerta pubblika tal-Parki u l-Ġonna Pubbliċi, dan kellu jkun ittajpjat mill-ġdid. Infatti b'differenza għal kuntratti oħra, se jkun ivvettjat għaliex dan il-kuntratt jaqa' taħt il-kappa tal-*Green Public Procurement* f'dak li huwa bexx/sustanzi tal-ħamrija u fertilizzant, fdalijiet tas-siġar minn żabra ecc. Kopja tiegħu se tingħata permezz ta' e-mail lill-kunsillieri.

15. Fil-ħarġa tal-fuljett tal-KLM se ssir kampanja favur il-ġbir ta' ħwejjeġ bħala parti mill-inizjattiva Refab. Dawn hu ttamat li jipprovduna b'*bin* biex fih jitpoġġew dawn il-ħwejjeġ użati li jridu jiddisponu minnhom ir-residenti tal-Imqabba. Is-Sindku talbet lill-kunsillieri sabiex jissottomettu l-artiklu tal-ħarġa tal-fuljett sa nhar il-Ħadd, 19 ta' Lulju filwaqt li se tinfetaħ is-sejħa għal-premju Ġieħ l-Imqabba 2015.

16. Għall-attivitajiet ta' Jum l-Imqabba 2015, is-Sindku qalet li tajjeb li niffissaw laqgħa mal-Kappillan biex naraw kif se nanimaw il-Quddiesa ta' Ringrazzjament u wkoll it-tqegħid ta' kuruna tar-rand fuq il-lapida tal-Vittmi tal-Gwerra fuq iz-Zuntier.

17. Is-Sindku qalet li tajjeb ukoll li fil-ħarga tal-fuljett inġibu avviż sabiex norganizzaw vann biex jinġabru n-nies u mmorru nagħtu d-demm fiċ-ċentru tad-demm ta' Gwardamangia. It-trasport se jkun qed jagħmel tajjeb għalih il-KLM.

18. Charlene Zammit qalet illi l-kunċert annwali tas-serata f'Jum l-Imqabba sar *showcase* tal-każini tal-banda u qalet li hija personalment aktar taqbel ma' Mass Band bejn il-każini tal-banda fit-toroq, milli kunċert ta' mużika klassika bil-mod li jsir kull sena fis-sala tal-Iskola Primarja. Hija qalet illi lesta li tqabbad organizzatur bħal ma kien dak ta' Festa Ravjul u jintramaw it-toroq bl-armar dekorattiv tal-festa u jitħallsu tiegħu il-Każini tal-Banda.

19. Għal mistoqsija ta' Michel Farrugia għaliex aħna ma bbenefikajniex mill-għoti ta' fondi mill-Gvern Ċentrali biex norganizzaw f'Ottubru l-attivita' pubblika, Charlene Zammit irrispondiet illi kien hemm kunsilli li ma bbenefikawx minn fond u ibbenefikaw minn oħrajn. Fil-każ tagħna, kien hemm min ma bbenefikax bħalna mill-ammont ta' €30,000, mill-Fond għall-Proġetti Kapitali.

20. Kien deċiż illi l-mawra bil-*Captain Morgan* issir nhar il-15 ta' Settembru. Grace Marie Mallia qalet illi hija irnexxiela ġġib prezz tajjeb ta' €28 ir-ras u se jkunu jistgħu jilgħabu t-tombla fuq il-*Captain Morgan* u f'nofs in-nhar se jkun servut l-ikel (inkluż mal-prezz). It-tfal se jkunu qed igawdu minn prezz ridott.

21. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 502.

**F'punti oħra**

22. Grace Marie Mallia qalet li fi Triq il-Madonna tal-Ġilju hemm biċċa simenta 'l fuq mit-triq li tista' tfixkel lil min jgħaddi minn fuqha. Hija talbet lill-ħaddiema tal-Kunsill jaraw jekk jistgħux jirrangawha. Ftit 'il bogħod minn hawn inqala' każ fejn persuna għalqet toqba tal-festa bil-konkos u s-SE mar jagħmel rapport l-Għassa skont ix-xewqa tas-Soċjeta' Santa Marija. Charlene Zammit qalet li dal-għodu marru biex iħaffruha l-ħaddiema tagħna u ħareġ għalihom sid il-propjeta' li għandu r-residenza tiegħu quddiema u dan qal li mhux kuntent bin-nar tal-art qrib ir-residenza tiegħu, għax għandu l-*asthma*.

23. Paul Spiteri qal illi il-*hedge* fi Ġnien Missjoni ż-Żgħira kibret wisq u hemm bżonn tinżabar. Grace Marie Mallia qalet li rrappurtat lis-SE. Is-SE bagħat *e-mail* lil Dr Cuschieri u kellem lil Zaru u l-Charles foremen tal-ELC dwar dan.

24. Il-laqgħa li jmiss tal-KLM se ssir nhar l-4 t'Awwissu, 2015 fis-6:30pm filwaqt li din spiċċat fid-9:10pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati nhar l-4 t'Awwissu, 2015 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Sindku